MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 160/2005

**Mark Borg**

**Vs**

**Jonathan Calleja**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1,485.02c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DEN 285 b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fl-10 t'Ottubru, 2004 mal-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni HAD 824 liema incident sehh fi Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-eccipjent ma kkaguna l-ebda hsara ghad-dannu ta' l-attur. Illi ghal fejn jirrigwarda l-eccipjent m'hemmx danni x'jigu llikwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess l-attur ghandu jgib prova tad-danni skond il-ligi. Inoltre, m'hemmx lok ghall-kundanna ta' l-eccipjent tal-hlas tad-danni favur l-attur.

Sema' x-xhieda ta' Mark Borg, Warden 267 Samuel Micallef, Matthew Borg, Mario Gauci u ta' Jonathan Calleja.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Yana Micallef Stafrace ghall-attur u ta' Dr Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-kollizjoni sehhet fil-By Pass ta' Birkirkara u cjoe', dik il-parti tat-triq li qeghda bejn l-entratura u l-hrug ghall-Universita'.

L-attur kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DEN 285 li hija l-vettura tal-*girlfriend* tieghu Denise Grech izda li kien hu li hallas id-danni kollha. Huwa kien qed isuq *on the outer lane* ta' *dual carriageway* sejjer fid-direzzjoni lejn l-Imsida u quddiemu kien hemm minibus bit-turisti. F'daqqa wahda kien hemm il-vettura tal-konvenut, Volkswagen Golf, gejja mid-direzzjoni opposta, jigifieri fid-*dual carriageway* tan-naha l-ohra sejjer lejn Birkirkara u minghajr pre-avviz din qabzet is-*central strip* u prattikament illendjat fuq il-*bonnet* tal-karozza misjuqa mill-attur. B'rizultat ta' dan, il-vettura ta' l-attur intremiet la genbha w anki laqtet il-vettura l-ohra.

Il-konvenut xehed illi huwa kien qed isuq fi Triq Dun Karm Psaila, fl-*outer lane* sejjer mid-direzzjoni ta' l-Imsida lejn Birkirkara u minghajr spjegazzjoni ta' xejn tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, qabez is-*central strip* u laqat il-vettura misjuqa mill-attur. Huwa jghid illi mbaghad waqaf meta habat ma' arblu tad-dawl. Huwa spjega wkoll illi mbaghad

giet vettura ohra li regghet laqtitu mill-faccata u mbuttat il-vettura tieghu lura ghal fuq is-*central strip*.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi jidher lampanti illi r-responsabbilta' ghall-kollizjoni in kwistjoni hija mputabbli esklussivament ghall-konvenut, li ma ta l-ebda skuzanti jew gustifikazzjoni ghaliex qabez is-*central strip* u mar fuq in-naha tat-triq fejn kien qed isuq l-attur u llendja fuq il-vettura ta' l-attur. Anzi mir-rapport li ghamel il-Warden dak il-hin, jirrizulta li l-konvenut qal li dak il-hin qabdu n-naghas u tilef il-kontroll ta' l-isteering, ghalkemm dan il-fatt ma rrepetiehx quddiem dan it-Tribunal. Il-fatti kwazi jitkellmu wahedhom u in sostenn tal-principju ta' *res ipsa loquitur*, ma jirrizultax li l-konvenut gab xi forma ta' prova li b'xi mod ixxejjen dan il-principju.

L-abbli avukat tal-konvenut ipprova jargumenta illi ghalkemm kwazi jkun dispost li jaccetta li jaghmel tajjeb ghad-danni rizultanti mill-habta bejn il-vettura ta' l-attur u dik tal-konvenut, m'ghandux ibati ghall-ispejjez relattivi ghall-habta bejn il-vettura ta' l-attur u l-vettura jew vetturi ohra.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' din il-kontenzjoni anzi jafferma li kien proprju b'rizultat tal-kollizjoni tal-vettura ta' l-attur ma' dik tal-konvenut li b'hekk l-attur tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u laqat vettura ohra. It-telfien tal-kontroll tal-vettura da parti ta' l-attur kien esklussivament imputabbli ghall-kollizjoni. Il-kawza prossima tal-kollizjoni u tal-konsegwenzi li graw wara hija esklussivament imputabbli ghall-konvenut li ma zammx kontroll tal-vettura tieghu u b'hekk qabez ghal fuq il-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Fortunatament f'din il-kollizjoni ma wegga' hadd, ghaliex kollizjoni *head on* fil-*fast lane* ta' *dual carriageway* facilment setghet thalli konsegwenzi ferm aktar gravi.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati kemm mid-dokumenti esebiti w anki mix-xhieda ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u ghad-danni kollha subiti fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DEN 285 u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ elf erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1,485.02c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------